## WARA ELFEJN SENA

*Fil-ħemda tal-Ġetsemani,*
*F'misteru ta' bil-lejl*
*Kien waħdu*
*Waħdu*
*Waħdu*
*Qed jitlob il-Feddej.*

*Ma sabx min jishar miegħu*
*U jaqsam id-dieq tiegħu*
*'Ma waħdu*
*Waħdu*
*Waħdu*
*Beka bid-dmugħ tad-demm*
*Xħin lemaħ it-traġedja*
*Ta' Ġerusalemm.*

*U 'l Kristu qatluh:*
*W elfejn sena wara*
*Aħn'għadna nsallbuh.*

4/iii/54 R. BRIFFA.

## TIGRIB.....

*Ħajti għextha darbtejn: niftakar darba*
*Ruħi jassartha taħt saltnet il-ħjiena*
*U l-hena mħollma bi ġwenħajn għajjiena*
*Ħassritli qalbi u nisslitli karba.*

*Ġarrabt il-benna tal-ġibdiet imwarrba*
*Mis-safa tat-tjubija, ħeġġa qalbiena*
*Tkebbes u tixgħel is-sigħat ta' żmienha*
*Fis-serħ imxaħxħa tal-ħlewwiet imġarrba.*

*Illum qalbi titriegħex ġewwa fija*
*Għaż-żmien li ħlejt imtajjar wara l-bluha,*
*Nixxiegħa mhux ta' ferħ 'ma t'hemm u ħtija.*

*U nibki ż-żmien meta taħt star il-frugħa*
*Ċħadt lili nnifsi l-għasel tat-thennija*
*Li r-ruħ safja bla semm tilma żagħżugħa.*

16/x/54. C. CASSAR.